MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 3/2020 LM

**Philip D'Anastasi (K.I. 391664M)**
*("l-appellat")*

***vs.***

**Malta Public Transport Services (Operations) Limited (C 48875)** *("l-appellanta")*
**u l-Avukat Dottor Luciano Busuttil (K.I. 373574M) bħala stralċjarju tas-soċjetà Malta Public Transport Services Limited (C 63328)**

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Malta Public Transport Services (Operations) Limited (C 48875)** (minn issa 'l quddiem "l-appellanta"), mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali (minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"), fis-16 ta' Jannar, 2020, li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda li,

*"... it-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent minn mas-soċjetà ma kinitx waħda ġusta u għalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrent għal kumpens.*

*It-Tribunal jistabbilixxi tali kumpens għas-somma ta' sitta u tletin elf, mija u ħdax-il euro (€36,111). Is-soċjetà intimata hija ordnata tħallas dis-somma lir-Rikorrent mhux aktar tard mid-29 ta' Frar 2020 b'dan illi s-soċjetà intimata tħallas lir-rikorrent mhux anqas minn għoxrin elf (€20,000) mis-somma msemmija mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2020.*

*Għall-finijiet tal-Avviż 48 tal-1986 rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jiġu ffissati fl-ammont ta' €93.17 kull wieħed, b'dan illi l-ammont totali ta' €186.34 jitħallas mis-soċjetà intimata."*

## Fatti

2. Ir-rikorrent, hawnhekk "l-appellat", **Philip D'Anastasi** kien ilu impjegat mas-soċjetajiet intimati fuq bażi *full-time* għal żmien indefinit bħala xufier tal-karozzi tal-linja, l-ewwel mal-kumpannija Arriva Malta Limited u sussegwentement mas-soċjetà intimata. Ir-rikorrent jgħid li huwa dejjem għamel xogħlu bl-aħjar mod possibbli, u fiż-żmien meta kien impjegat mas-soċjetà intimata huwa qatt ma ngħata xi forma ta' twissija bil-miktub. Spjega li fl-4 ta' Frar 2016, intalab jattendi għal proċeduri ta' dixxiplina, u fl-24 ta' Frar 2016 huwa ġie infurmat li l-impjieg tiegħu mas-soċjetà intimata kien qiegħed jiġi tterminat. Ir-rikorrent spjega kif fil-5 ta' Mejju, 2016, huwa ġie infurmat b'mod formali li l-impjieg tiegħu kien qiegħed jiġi tterminat b'effett mill-24 ta' Frar, 2016. Huwa sostna li r-raġunijiet u l-motivazzjonijiet mogħtija mis-soċjetà intimata għat-tkeċċija tiegħu mill-impjieg ma kinux tajbin biżżejjed biex jiġġustifikaw tali terminazzjoni, u qal li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu minn mas-soċjetà intimata saret bi ksur tal-liġi u għalhekk hija waħda inġusta u

invalida fil-liġi. Permezz tal-proċeduri mibdija minnu quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent talab li jiġi dikjarat li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu mas-soċjetà intimata kienet inġusta, u talab ukoll lit-Tribunal jagħti l-provvedimenti kollha opportuni f'dan ir-rigward.

**<u>Mertu</u>**

3. Permezz tal-proċeduri quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent sostna li ġie mkeċċi mill-impjieg tiegħu bħala xufier tal-karozzi tal-linja mas-soċjetà intimata għal raġunijiet li fil-liġi ma jwasslux għal ġustifikazzjoni għal tkeċċija mill-impjieg. Ir-rikorrent stqarr li tul iż-żmien kollu li huwa kien impjegat mas-soċjetà intimata, huwa qatt ma ngħata imqar twissija verbali, imma fl-4 ta' Frar 2016 huwa ntalab jattendi għal laqgħa dwar proċeduri ta' dixxiplina li kienu ser jittieħdu fil-konfront tiegħu, u fl-24 ta' Frar, 2016 huwa ġie infurmat li l-impjieg tiegħu mas-soċjetà intimata kien qiegħed jiġi tterminat. Ir-rikorrent jgħid li fil-5 ta' Mejju 2016, huwa rċieva ittra fejn ġie infurmat li l-impjieg tiegħu mas-soċjetà intimata kien qiegħed jiġi tterminat b'effett mill-24 ta' Frar, 2016.

Is-soċjetà intimata fir-risposta tagħha spjegat li r-rikorrent kien oriġinarjament impjegat bħala xufier permezz ta' kuntratt tax-xogħol tal-4 ta' Settembru, 2011. Qalet li fit-3 ta' Frar, 2016, kien daħal *report of misconduct/offence* minn Marlon Abdilla, VDL Controller mas-soċjetà intimata, fejn qal li r-rikorrent kien qiegħed isuq karozza tal-linja bil-*bus destination* mitfija, bir-riżultat li numru ta' passiġġieri li kienu qegħdin jistennew fuq l-*istages* sabiex jirkbu karozza tal-linja, ma bdewx iwaqqfu din il-karozza tal-linja għaliex id-*destination sign*

kienet qiegħda tindika li ma kinitx qiegħda topera dak il-ħin. L-intimata spjegat li konsegwenza ta' dan, numru ta' passiġġieri tħallew l-art għad-detriment kummerċjali u reputazzjonali tagħha, u għad-detriment tal-pubbliku in ġenerali li ma kienx qiegħed jingħata s-servizz mistenni. Is-soċjetà intimata spjegat li in segwitu għal dan l-episodju fl-4 ta' Frar, 2016 inħarġet *charge letter*, fejn ir-rikorrent ġie akkużat bi *gross misconduct,* bi ksur tal-proċeduri interni tal-kumpannija, u ġie sospiż *on full pay,* u ntalab jagħti l-verżjoni tiegħu tal-fatti, kif ukoll intalab jattendi għal laqgħa dixxiplinarja li kellha ssir fil-ġranet ta' wara. Is-soċjetà intimata kompliet tgħid li fil-11 ta' Frar, 2016, inżammet laqgħa dixxiplinarja preseduta minn Rachel Galea bħala rappreżentanta tat-taqsima tar-riżorsi umani u Joe Simiana bħala rappreżentant tas-soċjetà intimata, u għaliha attendew kemm ir-rikorrent kif ukoll rappreżentanti tal-union tal-ħaddiema. Is-soċjetà intimata spjegat li waqt il-laqgħa dixxiplinarja, hija saret taf li r-rikorrent mhux biss saq bid-*destination sign* mitfija, iżda fuq ammissjoni tiegħu stess qabeż anki parti mir-rotta, għax qal li kien aljenat u ma setax idur lura. Is-soċjetà intimata qalet li dan juri li r-rikorrent naqas serjament minn dmirijietu, u kiser ir-regolamenti tal-kumpannija, u in vista ta' dawn il-proċeduri dixxiplinarji huwa kien suġġett ukoll għal żewġ *charge letters* separati oħra, li kienu nħarġu kontra tiegħu b'rabta ma' żewġ kolliżjonijiet separati li kien involut fihom ir-rikorrent waqt il-qadi ta' dmirijietu. Is-soċjetà intimata spjegat li minkejja li dawn l-inċidenti ma kinux serji u waħedhom ma kinux ser iwasslu għat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent, qalet però li dak li seħħ fit-3 ta' Frar, 2016 kien jammonta għal raġuni valida u suffiċjenti għat-tkeċċija tiegħu mill-impjieg. Kompliet tispjega li r-rikorrent kellu storja ta'

inċidenti stradali li jinvolvu l-vetturi tas-soċjetà intimata, u wara l-laqgħa dixxiplinarja li kienet saret, ġie deċiż li l-ġustifikazzjoni u l-verżjoni tal-fatti mogħtija mir-rikorrent ma kinitx verosimili u l-fatti kif ġraw wasslu għall-konklużjoni li r-rikorrent kien tefa' d-*destination sign* u qata' parti mir-rotta barra għaliex dak kien l-aħħar vjaġġ tiegħu tal-ġurnata, u għalhekk ried ifittex ilesti sabiex ikun jista' jirritorna f'daru. Is-soċjetà intimata qalet ukoll li l-ispjega li ta r-rikorrent li hu tefa' d-*destination sign* meta tefa' d-dawl tal-vettura ma tantx hija verosimili, għaliex is-swiċċ tad-dawl mhux qiegħed viċin il-buttuna tad-*destination sign.* Kompliet tgħid li dan l-aġir seħħ bi ksur flagranti tal-proċeduri interni tas-soċjetà intimata u bi ksur tad-doveri bażiċi tar-rikorrent, b'detriment għar-reputazzjoni tas-soċjetà appellanta u b'detriment dirett għall-passiġġieri li huma l-klijenti tal-kumpannija. Is-soċjetà intimata kompliet tgħid li kien għalhekk li fl-24 ta' Frar, 2016 ħarġet *letter of dismissal*, fejn infurmat lir-rikorrent li wara l-laqgħa dixxiplinarja li saret, is-soċjetà intimata kienet tal-fehma li l-każ kien gravi u kien jimmerita tkeċċija. Żiedet tgħid li wara din l-ittra ta' tkeċċija, ir-rikorrent appella, u għalhekk sar smigħ tal-appell fl-14 ta' April, 2016, quddiem id-direttur inkarigat mir-riżorsi umani tas-soċjetà intimata, Roderick Bajada. Qalet ukoll li wara dan is-smigħ tal-appell, hija baqgħet mhix konvinta mill-argumenti mressqa mir-rikorrent, u kien għalhekk li ġiet ikkonfermata it-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent permezz ta' ittra tal-5 ta' Mejju, 2016. Is-soċjetà intimata kkonkludiet billi qalet li t-tkeċċija tar-rikorrent mill-impjieg saret għal raġuni ġusta u suffiċjenti skont il-liġi, u r-rikorrent ingħata smigħ xieraq u kull ċans li jispjega ruħu u l-aġir tiegħu. Spjegat li wara dan is-smigħ irriżulta li r-rikorrent kien ħati ta' *gross*

*misconduct* serja ħafna meta huwa tefa' d-*destination signal* tal-karozza tal-linja li kien qed jopera, u dan kien jammonta għal evitar ta' dmirijietu biex hu jfittex jiltaq lejn daru, u dan a skapitu tal-attivitajiet kummerċjali u reputazzjonali tas-soċjetà u a skapitu tal-pubbliku in ġenerali li ġie mċaħħad mis-servizz tat-trasport pubbliku kawża ta' dan l-aġir.

4. Flimkien mar-rikors tiegħu, ir-rikorrent ippreżenta kopja tal-ittra li ntbagħtitlu fl-4 ta' Frar, 2016 mis-soċjetà intimata, fejn ġie infurmat li kellu jattendi għal proċeduri dixxiplinarji li kienu ser jittieħdu fil-konfront tiegħu minħabba ksur tal-obbligi tiegħu bħala impjegat tal-kumpannija, li jinkludu "*Gross Misconduct: unauthorised off service route and/or serious irregular service operation as per report attached; any other form of behaviour or conduct which is offensive or harmful or detrimental to the company's interests or any other employee's interests.*" Permezz ta' din l-ittra, ir-rikorrent ġie mwissi wkoll li dan l-aġir jista' jammonta għat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu mas-soċjetà intimata, u li huwa kien qiegħed jiġi sospiż mill-impjieg b'effett immedjat. Ir-rikorrent ippreżenta wkoll kopja tal-ittra tal-24 ta' Frar, 2016, li permezz tagħha huwa ġie infurmat illi, "*After considering all available evidence including your explanation, I regret to inform you that the Company has decided that your employment should be terminated as of today.*"

Quddiem it-Tribunal ġiet ippreżentata wkoll kopja tal-kuntratt ta' impjieg tar-rikorrent mas-soċjetà Arriva Malta Limited, minn fejn joħorġu l-obbligi tar-rikorrent bħala impjegat tal-istess soċjetà, u minn fejn jirriżulta li r-rikorrent kien mistenni li jaħdem 54 siegħa fil-ġimgħa. Quddiem it-Tribunal ġiet

ippreżentata wkoll tal-minuti li ttieħdu mir-rappreżentanti tas-soċjetà intimata waqt il-proċeduri dixxiplinarji li ttieħdu kontra r-rikorrent.

Quddiem it-Tribunal instemgħet ix-xhieda ta' **Rachel Galea**, *HR Executive* tas-soċjetà intimata, li qalet li l-kumpannija rappreżentata minnha hija obbligata timxi skont il-kuntratt tagħha li toffri trasport lill-pubbliku. Ix-xhud spjegat li fit-3 ta' Frar, 2016, daħal rapport mingħand wieħed mill-uffiċjali tal-kumpannija li jkun qiegħed jissorvelja s-servizz, li rraporta li waħda mill-karozzi tal-linja kellha d-*destination sign* mitfi, u dan kontra r-regoli tal-kumpannija. Ix-xhud qalet li dan l-istess uffiċjal ipprova jikkuntattja lir-rikorrent sabiex jinfurmah li kellu s-sinjal tar-rotta mitfija, imma minkejja dan ir-rikorrent baqa' ma weġbux. Spjegat li kien minħabba li dan l-uffiċjal identifikat bħala Marlon Abdilla, ma rnexxilux iwaqqaf jew jiġbed l-attenzjoni tax-xufier, li dan ddaħħal rapport fil-konfront tar-rikorrent. Qalet li minħabba f'dan in-nuqqas da parti tar-rikorrent, il-kumpannija li hi l-uniku operatur tat-trasport pubbliku f'pajjiżna, naqset milli taqdi l-obbligi tagħha mal-pubbliku kif suppost, għaliex meta individwu jkun fuq *stage* tal-linja u jara d-*destination sign* mitfija, dan ma jwaqqafhiex. Hija spjegat li kien għalhekk li nħarġet *charge* fil-konfront tar-rikorrent, għaliex għall-kumpannija din hija meqjusa bħala *gross misconduct,* u tammonta għall-ksur tal-proċeduri interni tal-kumpannija, bil-konsegwenza li r-rikorrent ġie sospiż mix-xogħol dakinhar stess, għalkemm baqa' jingħata salarju sħiħ. Ix-xhud qalet li waqt il-proċeduri dixxiplinarji li ttieħdu kontra r-rikorrent, kien anki ġie stabbilit li dan kien għamel parti mir-rotta mhux kif suppost, għaliex qal li aljena rasu u ma setax idur lura. Ix-xhud qalet li r-rikorrent kien ilu impjegat mas-soċjetà intimata u għalhekk kien mistenni li r-

rotot ikun jafhom. Ix-xhud qalet li dan l-inċident seħħ filgħaxija, u dan il-fatt wassal għal inkonvenjent għal diversi persuni li kienu qegħdin jistennew is-servizz tal-karozza tal-linja li baqgħet ma waslitx, u dan meta ma kienx hemm aktar karozzi tal-linja li kienu ser ikomplu bis-servizz għal dik il-ġurnata. Ix-xhud qalet li dak li għamel ir-rikorrent jammonta għal nuqqas gravi tad-dmirijiet tiegħu, u għalhekk wara li nstema' l-appell intavolat minnu, ġie stabbilit li ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ jimmeritaw tkeċċija. F'udjenza ulterjuri, l-istess xhud Rachel Galea spjegat li r-rikorrent kien involut ukoll f'żewġ inċidenti tat-traffiku, li kienu fir-responsabbilità tiegħu li jevita, u l-ispejjeż konnessi ma' dawn l-inċidenti għamlet tajjeb għalihom is-soċjetà intimata. Ix-xhud qalet ukoll li dakinhar li r-rikorrent tefa' d-*destination signal,* hu kopra r-rotta għoxrin minuta qabel il-ħin li tieħu s-soltu, xi ħaġa li turi li r-rikorrent ma kienx qiegħed jagħti s-servizz li kien mistenni li jagħti. Ix-xhud spjegat li mid-*data* miġbura mis-soċjetà intimata, jirriżulta li r-rikorrent biegħ l-aħħar biljett fis-sitta u kwart ta' filgħaxija, filwaqt li huwa kien xogħol sad-disgħa ta' filgħaxija. Qalet li dan ifisser li n-nies ma telgħux fix-xarabank misjuqa minnu għax id-*destination signal* kienet mitfija. Ix-xhud qalet li għad li waqt il-proċeduri ta' dixxiplina ir-rikorrent qal li kien aljena rasu u għalhekk qabeż biċċa mir-rotta, bħala prassi suppost li meta xufier jieħu żball, dan għandu jinforma lill-*control room* hekk kif jinduna bl-iżball tiegħu, u jistenna li jingħata l-istruzzjonijiet minn hemmhekk. Ix-xhud qalet li kien biss waqt il-proċeduri dixxiplinarji li ttieħdu kontra r-rikorrent, li l-esponenti tas-soċjetà intimata ġew mgħarrfa mir-rikorrent stess li dakinhar ma kienx kopra r-rotta kollha u għalhekk ma kienx ta s-servizz li kien mistenni li jagħti. Ix-xhud qalet li x-xufiera kollha

jingħataw taħriġ u jiġu mgħallma sabiex meta tinqala' xi ħaġa fuq rotta partikolari, huma jinfurmaw il-*control room* mill-ewwel. Ix-xhud qalet li l-fatt li r-rikorrent għamel ir-rotta kollha għoxrin minuta qabel il-ħin, hu indikattiv tal-fatt li dan ma kienx għamel ir-rotta kollha.

**Marlon Abdilla** fix-xhieda tiegħu qal li fiż-żmien li seħħ l-episodju mertu ta' dawn il-proċeduri, huwa kien jaħdem bħala *service standard manager,* u xogħlu kien fuq barra jiċċekkja l-biljetti, lix-xufiera u li l-affarijiet ikunu kif suppost. Ix-xhud qal li fiż-żmien meta għamel ir-rapport li r-rikorrent kien qiegħed isuq bid-*destination signal* mitfi, kienu qegħdin isiru diversi rapporti li l-karozzi tal-linja mhumiex jgħaddu. Qal li meta waqt spezzjoni induna li r-rikorrent kien għaddej bid-*destination signal* mitfi, kien ipprova jċempillu aktar minn darba, iżda dan baqa' ma rrispondiehx.

Xhud ieħor **José Maria Martin**, *control room manager* mas-soċjetà intimata, qal li kien għamel numru ta' verifiki u ġabar *data* dwar ir-rikorrent mis-sistema tal-informatika tas-soċjetà intimata. Ix-xhud qal li huwa kien ivverifika li l-Bus 66 kienet qiegħda tinstaq mir-rikorrent fit-3 ta' Frar, 2016, u fil-ħin li dan kien qiegħed fuq din ir-rotta, ma biegħ l-ebda biljett. Ix-xhud qal ukoll li minkejja li l-vjaġġ fuq din ir-rotta kien mistenni li jieħu siegħa u kwart, dakinhar il-vjaġġ ħa madwar ħamsin minuta. Qal ukoll li l-ebda waqfiet ma ġew irreġistrati f'dan il-vjaġġ partikolari. F'udjenza ulterjuri, l-istess xhud ippreżenta *waybill* bl-istatistika tar-rotta 206 b'Bus 66 tat-3 ta' Frar, 2016, bid-*data* kollha relattiva għal dan il-vjaġġ.

Ir-rikorrent xehed li huwa minnu li dakinhar li seħħ dan kollu, kien ċempillu l-*mobile* waqt li kien qiegħed isuq, u huwa ma kienx irrisponda mill-ewwel għaliex kien qiegħed isuq. Ir-rikorrent spjega li xi jiem qabel is-soċjetà intimata kienet ħarġet direttiva li min jinqabad jirrispondi t-*telephone* waqt li jkun qiegħed isuq, jeħel multa u kien hemm drabi meta t-telefonati kienu jsiru mis-soċjetà intimata stess sabiex dawn jiċċekkjaw jekk ikunx hemm xi ħadd mix-xufiera tagħhom li jirrispondi waqt li jkun qiegħed isuq. Qal li fl-4 ta' Frar, 2016, huwa daħal ix-xogħol b'mod normali, imma xi ħin wara bagħat għalih is-Sur Simiana, u infurmah li kien hemm rapport li xi ħadd rah għaddej mit-triq bid-*destination* mitfija. Ir-rikorrent qal li dak il-ħin hu ammetta li kien qabeż biċċa mir-rotta għaliex kien dera jsuq lejn il-Marsa Park and Ride mill-Isptar Mater Dei, u kien qabeż biċċa mit-triq għax ma setax ireġġa' u jmur lura. Ir-rikorrent kompla jgħid li wara li għamel għadd ta' kjarifiki mas-Sur Simiana, dan infurmah li kien qiegħed jiġi sospiż mill-impjieg. Ir-rikorrent qal li xahar wara s-sospensjoni huwa kien sab impjieg ieħor. Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, ir-rikorrent qal li meta kien ikun qiegħed jaħdem ix-xift ta' filgħaxija aktarx li fl-aħħar vjaġġ dejjem kien jasal kmieni mir-rotta. Imma r-rikorrent kkonferma li fit-3 ta' Frar 2016, fl-aħħar sagħtejn tal-vjaġġ ma kien għabba lil ħadd fil-karozza tal-linja li kien qiegħed isuq.

**Charlton Calleja**, rappreżentant tal-*union,* xehed li huwa qatt ma kien sema' xi ilment dwar ir-rikorrent, u qal li huwa jaf li r-rikorrent waqt ix-xogħol kien jagħmel anki dak li mhuwiex strettament xogħlu.

Ir-rikorrent ippreżenta prospett b'dettalji dwar id-dħul tiegħu mill-impjieg li sab wara li kien ġie tterminat l-impjieg tiegħu mas-soċjetà intimata, u b'dettalji dwar il-pretensjoni tiegħu għal kumpens mertu ta' dawn il-proċeduri.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

5. Permezz tas-sentenza mogħtija fis-16 ta' Jannar, 2020 it-Tribunal ikkonkluda li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent minn mas-soċjetà intimata ma kinitx waħda ġusta, u għalhekk laqa' t-talba tar-rikorrent għal kumpens, li ġie stabbilit li għandu jkun fis-somma ta' sitta u tletin elf, mija u ħdax-il Euro (€36,111), b'dan li s-soċjetà appellanta ntalbet tħallas dan l-ammont lir-rikorrent sa mhux aktar tard mid-29 ta' Frar 2020, u għoxrin elf euro (€20,000) minn din is-somma kellhom jitħallsu lir-rikorrent sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar, 2020, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Kumment***

*Is-soċjetà ħarġet l-ittra ta' tkeċċija. Ir-rikorrent appella internament. Permezz ta' ittra datata 5 ta' Mejju 2016 ikkonfermat it-tkeċċija b'effett mill-24 ta' Frar 2016.*

*Mhux ġust illi lil ex impjegat tħallih jistenna tliet xhur biex hu jkun jaf fiż-żgur, jiġifieri wara li jkun sar is-smigħ tal-appell, jekk id-deċiżjoni tat-tkeċċija tkunx se tiġi kkonfermata jew le, meta huwa għandu sa erba' xhur mill-aħħar ġurnata ta' impjieg tiegħu biex jirreferi l-każ tiegħu lit-Tribunal. Min iħaddem għandu jagħmel mezz u f'isem il-*fairness *jiżbriga l-proċess, u naturalment mingħajr ma jissagrifika l-eżawriment tad-difiża li l-ex-impjegat jagħmel fl-appell intern u r-riflessjoni xierqa min-naħa tal-*employer *rigward tali difiża.*

***Kunsiderazzjonijiet***

*5.1 Jirriżulta lit-Tribunal illi r-Rikorrent:*

*5.1.1 Tefa' d-dawl tal-karozza tal-linja meta kien għadu fuq ir-rotta*

*Skont il-Minuti tas-smigħ dixxiplinarju intern tal-11 ta' Frar 2016, li ma ġewx ikkontestati, ir-Rikorrent qal "... Jista' jkun illi tfejtha. ... Safejn naf jien ma tfejtx* destination. *Issa jekk meta tfejt id-dawl bi żball tfejt lilha ma nafx. Jien naħseb illi jista' jkun li kienet mitfija. Ġieli ġratli ninsa nixgħelha."*

*Ir-Rikorrent xehed, "Għidtlu (lis-Sur Simiana), "jista' jkun li lqatt* switch". (*Paġna tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-1 ta' Marzu 2018).*

*Ir-Rikorrent xehed ukoll illi d-dawl ġol-*bus *kien mitfi u li l-*bus *ma kellhiex passiġġieri. Jekk il-*bus *kien mitfi u ma kellhiex passiġġieri d-*destination sign *kien jew mitfi jew, jippreżumi t-Tribunal, kien juri "*Not in service"*. Imkien fil-proċess ma ssemmiet "*Not in service*" u kwindi t-Tribunal ma għandux dubju li d-*destination sign *kien mitfi. Is-Sur Calleja, xhud imtella' mir-Rikorrent, xehed illi, "... kien hemm każi li (id-*destination sign *fuq barra tal-karozza tal-linja u fuq id-*display *ta' ġol-kabina) ma jissinkronizzawx tajjeb ... imbagħad f'dak il-każ kienet tiġi mitfija sakemm jiġu tal-IT u jissettjawha". Imkien fil-proċess ma hemm illi r-Rikorrent kien tefa' d-*destination sign *minħabba n-nuqqas ta' sinkronizzazzjoni.*

*Is-Sur Calleja xehed illi d-*destination *kienet tidher ukoll fuq ġewwa tal-*bus*. "(Ix-xufier) ikun jaf (jekk id-*destination *tkun ħażina) għax fuq id-*display *li jkollu ġol-kabina, jkollu." Mela allura r-Rikorrent kien jaf illi d-*destination sign *kien mitfi! Kieku kien mitfi minħabba ħsara r-Rikorrent kien obbligat li jirrapporta lill-Control Room. Iżda minn imkien ma rriżulta, lanqas mingħand ir-rikorrent innifsu, illi r-Rikorrent irrapporta xi ħsara. U r-rikorrent ma semmiex din bħala ġustifikazzjoni għaliex id-*destination sign *kien mitfi.*

*It-Tribunal huwa sodisfatt illi r-Rikorrent kien konxju li d-*destination sign *kien mitfi.*

*5.1.2 Seta' ħalla l-passiġġieri l-art meta l-vjeġġ li kien qed jagħmel kien l-aħħar wieħed fuq dik ir-rotta.*

*Skont l-istess Minuti msemmija f'6.1.1 ir-Rikorrent ikkonferma li fl-inċident ta' Frar kien qed jagħmel l-aħħar vjeġġ.*

*Li tħalli l-passiġġieri l-art fl-aħħar vjeġġ mingħajr ġustifikazzjoni hija gravissima. X'jagħmel min ma kellux flus fuqu biex jirritorna fir-residenza tiegħu peress illi kien ippjana li juża l-card tal-Linja? U jekk kellu flus biżżejjed, mnejn safejn għandu jiżborżja flus għal* taxi *minħabba li x-xufier tal-karozza tal-linja għoġbu jgħaddi minn*

*triq oħra jew jibqa' għaddej? U min kien sejjer għax-xogħol jispiċċa biex jew ikun kostrett illi jfalli x-xift jew jasal tard, u jbati l-konsegwenzi finanzjarji u dixxiplinarji li daż-żewġ possibilitajiet jinkorru.*

*Is-soċjetà ma ġabet l-ebda prova li fil-fatt kien hemm passiġġieri li tħallew l-art. Is-Sur José Maria Martin,* Control Room Manager *tas-soċjetà xehed illi l-karozza tal-linja li kienet qed tagħmel l-aħħar vjeġġ għal dik il-ġurnata tal-inċident u misjuqa mir-Rikorrent ma waqfet fuq l-ebda* bus stop. *Li tħallew il-passiġġieri l-art hija assunzjoni mhux prova.*

*Dok. JMM2, li huwa l-*waybill, *juri li bejn il-5.25pm u t-8.44pm ir-Rikorrent jew ma tella' lil ħadd jew kull min tela' fix-xarabank misjuqa minnu ma ħallasx – iż-żewġ possibilitajiet huma nuqqas gravi. Fix-xhieda tagħha fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2017 Ms Galea qalet illi waqt is-smigħ dixxiplinarju ntern, "Is-Sur Simiana saqsih (lir-Rikorrent) jekk rikkibx lil xi ħadd u qallu "Le ma rikkibt lil ħadd". (paġna 9 tat-traskrizzjoni). Fil-proċess ir-Rikorrent xehed illi l-karozza tal-linja saqha mitfija minn ġewwa u li ma kellhiex passiġġieri.*

*L-akkuża hija bbażata fuq* data *ċirkostanzjali tas-soċjetà u l-buon sens jikkonkludi li r-rikorrent ħalla l-passiġġieri l-art. Fuq kollox ir-Rikorrent qatt ma rribatta l-akkuża. Anzi, għall-mistoqsija tal-Avukat illi assista lis-soċjetà Dott. Thomas Bugeja, "Tiftakar jekk għabbejtx nies l-aħħar siegħa/sagħtejn tax-xogħol?" Ir-Rikorrent wieġeb, "Le, ma għabbejtx nies ...". Ma qalx illi ma għabbiex nies għaliex ma kien hemm ħadd fuq l-istage/s.*

*It-Tribunal huwa konvint illi setgħu tħallew passiġġieri l-art meta r-Rikorrent kien qed jagħmel l-aħħar vjeġġ fuq ir-rotta assenjata lilu.*

*5.1.3 Telaq minn fuq il-post tax-xogħol aktar kmieni milli suppost u dan mingħajr l-awtorizzazzjoni tas-soċjetà.*

*Ix-xift tal-aħħar tar-rikorrent suppost illi spiċċa fid-9.15pm. Skont ir-records tas-soċjetà, "...* if the trip was supposed to last for one hour and fifteen minutes it only lasted like fifty-five minutes.*" Ir-Rikorrent ma kkontestax din l-akkuża.*

*Ir-Rikorrent ma kkonvinċiex lit-Tribunal illi ħa triq oħra bi żball ġenwin. "Meta xufier jinduna li ħa żball ... suppost* at that point *jagħmel rapport jiġifieri jċempel lill-Control Room ... u javżahom illi ħa żball ħalli jieħu struzzjoni mingħandhom ... ma kienx hemm dit-telefonata."*

*"Dak iż-żmien kien hawn ħafna li qed jagħmlu r-rotta imma jew jitfu d-*destination *jew jagħmlu Sorry not in Service għalkemm ikunu qed jagħmlu r-rotta; allura jkunu qishom mitfija; allura ħafna* complaints *tal-passiġġieri li tal-linja mhumiex jgħaddu."*

*It-Tribunal huwa konvint illi r-rikorrent qata' r-rotta fil-qasir b'abbuż.*

*5.1.4 Injora t-telefonata li rċieva fuq il-mobile*

*Il-verżjoni tar-Rikorrent waqt is-smigħ dixxiplinarju intern skont il-minuti u dik li ta fix-xhieda tiegħu lit-Tribunal fl-1 ta' Marzu 2018 ma jaqblux. Fis-seduta qal illi sema' l-*mobile *u waqaf fl-ewwel stage iżda ma reġgħux ċemplulu.*

*U hu ma ndenjax ruħu jċempel lura! Il-ġustifikazzjoni li ġab għax ma ċempilx lura kienet, "... meta ċċempel inti ... ħadd ma jwieġbek. Jew jgħidlek, "Jien ma ċempiltlekx." Allura jien ma ċempiltx aktar."*

*It-Tribunal ma jaċċettax dil-ġustifikazzjoni għaliex ir-Rikorrent ma rritornax il-*chiamata*. Iddeċieda li ma jċempilx aktar; jiġifieri injora totalment bl-aktar mod kapriċċuż u rresponsabbli proċedura bażilari u essenzjali biex is-Soċjetà żżomm kuntatt kontinwu max-xufiera li jkunu fuq il-lant tax-xogħol tagħhom. Ix-xhud illi tella' r-Rikorrent, is-Sur Calleja li kien jaħdem fil-Control Room, ma xehedx illi kien inutli li tirritorna t-telefonati għax il-Control Room tas-soċjetà ma jweġbux it-telefonati jew inkella meta jweġbuhom jgħidu li mhux huma ċemplu! U anki, f'paġna 2 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-17 ta' Jannar 2019 ir-Rikorrent xehed illi ċċekkja n-numru x'ħin daħal fid-depot. Allura għaliex, skont hu, waqaf fl-ewwel stage li laħaq wara t-telefonata mis-soċjetà? Ma jagħmilx sens illi tirċievi telefonata, ma tafx mingħand min hi, twaqqaf il-bus, toqgħod tistenna li tidħol xi telefonata ma tafx mingħand min u x'ħin ifettillek terġa' tibda ssuq! Din l-iskuża mhix kredibbli!*

*Dan huwa nuqqas gravi da parti tar-Rikorrent speċjalment fid-dawl ta' paġna 4 tal-kuntratt tal-impjieg, fejn jgħid illi, "Inti obbligat li teżegwixxi dmirijietek bl-aħjar mod possibbli ... u li tikkoopera mal-kumpannija ...". Għamel lilu nnifsu* incommunicado*!*

Failing to follow Company procedures *taqa' taħt* final written warning *skont paġna 28 tal-Information Guide and Regulations. Li ma tirritornax it-telefonata taqa' taħt din. Mela diġà għamel żewġ għemejjel illi ħaqqhom* final written warning *kull wieħed – 6.1.1 u din.*

*5.1.5 Saq il-karozza tal-linja fdata lilu f'rotta mhux awtorizzata mis-soċjetà*

*5.1.5.1 Dok. JMM3 juri li kien hemm bosta* bus stops *fejn ir-Rikorrent ma waqqafx lix-xarabank illi kien qed isuq jew inkella ħa rotta oħra.*

*5.1.5.2 MPT1, li huwa l-kuntratt tal-impjieg tar-rikorrent mas-soċjetà, juri li r-Rikorrent beda t-tali impjieg mis-7 ta' Settembru 2011, jiġifieri kellu kważi erba' snin u nofs esperjenza fix-xogħol tiegħu mas-soċjetà u allura kien jaf il-gravità tal-abbużi li wettaq fit-3 ta' Frar 2016. Għalkemm fir-risposta għar-rikors promutur ix-xogħol ta' xufier tar-Rikorrent kien ikkwalifikat bħala "inizjalment" Ms Galea xehdet illi r-Rikorrent dejjem kien xufier. Jiġfieri kien jaf ben tajjeb x'kien mistenni minn xufier mas-Soċjetà.*

*Dan hu punt li qajmet Ms Galea fix-xhieda tagħha, "Li kieku kien vera ħa żball ġenwin (li żbalja parti mir-rotta) il-proċedura dixxiplinarja tgħid illi għandu jċempel lill-Control Room u javża. ... ma saritx dik." (Dil-proċedura toħroġ) fit-tagħlim, fit-*training *li ngħaddu aħna – dejjem ngħidu li meta tiġri xi ħaġa li mhix in-normali kkuntattja lill-Control Room u avża. ... (din ngħiduha) fl-induzzjoni meta jidħol xufier ġdid ... anke matul iż-żmien illi l-impjegat jagħmel magħna aħna jkollna notifiki formali f'das-sens." Ms Galea għamlet referenza għall-esperjenza tar-Rikorrent bħala xufier ukoll f'paġna 3 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-13 ta' Ottubru 2016, "Issa għalina naturalment il-fatt illi Philip għandu dil-esperjenza ta' xufier għal tul ta' żmien mhux xi ħadd ġdid li tista' tgħid aljena ruħu. Ix-xogħol tiegħu jafu u r-rotot jafhom sewwa." Dil-biċċa kienet rigward il-konfessjoni tar-Rikorrent illi żbalja parti mir-rotta għax aljena ruħu.*

*Però r-rikorrent xehed (paġna 3 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-1 ta' Marzu 2018), illi, "Dak iż-żmien kienu biddlu r-rotot kollha ..." u din ma ġietx ikkontestata mis-soċjetà. Kien żmien illi nbidlu r-rotot. U kien għalhekk illi, "tant drajt immur lejn il-Marsa Park and Ride li kif qbiżtha eżatt indunajt li żbaljajt."*

*5.1.5.3 Fix-xhieda tiegħu tas-seduta tal-1 ta' Marzu 2018 ir-Rikorrent qal illi lis-Sur Simiana, HR Executive tas-soċjetà qallu, "... ħa ngħidlek ... qbiżt biċċa."*

*5.1.5.4 Li saq f'direzzjoni mhux awtorizzata mis-Soċjetà huwa ppruvat.*

*5.1.6 Kien jaħdem sigħat twal ħafna*

*Għall-mistoqsija tal-ewwel avukat illi assistietu, Dott. Carina Bugeja Testa, "... Bħala xift x'kont taħdem bħala ħinijiet?" Ir-Rikorrent wieġeb illi, "... il-ġurnata tiegħi tar-rest kont naħdimha wkoll ... Tibda fil-ħamsa ta' filgħodu sa nofs il-lejl ... Ġieli l-għada (fil-ħamsa nerġa' nibda). (Dawn) kienu jkunu spiss."*

*Is-Soċjetà taf biżżejjed illi sigħat twal ta' xogħol jgħinu biex inaqqsu mill-prontezza fir-riflessi u mill-attenzjoni u konċentrazzjoni li huma mistennija mix-xogħol ta' xufier, apparti milli jagħmlu lix-xufier nervuż u impazjenti. Ma għandhiex tħaddem impjegati b'sigħat eċċessivi, anki jekk l-impjegat ikun lest jew joffri li jaħdimhom. Is-saħħa tal-impjegat tiġi l-ewwel; anki għax din għandha riperkussjoni fuq il-*performance *tax-xogħol.*

*5.2 L-ittra tat-tkeċċija tgħid illi r-raġuni tat-tkeċċija kienet dik illi r-Rikorrent saq il-karozza tal-linja fdata lilu f'rotta li ma kinitx awtorizzata u/jew li ħaddem is-servizz b'mod irregolari għall-aħħar.*

*Fost l-eżempji li l-Information Guide and Regulations jagħti li jiġġustifikaw twissija finali bil-miktub hemm, "*unauthorised off service route and/or serious irregular service operation.*" Mela l-abbuż illi kkommetta r-Rikorrent jaqa' taħt dil-Gwida/Regolament.*

*Huwa minnu però li l-ittra tissokta tgħid, "...* as detailed in your charge letter dated 4th February 2016."

*Iċ-charge letter tistieden lir-Rikorrent jattendi inkjesta dixxiplinarja formali dwar il-ksur tal-obbligu tar-Rikorrent li jaqdi dmirijietu kif imiss. L-inkjesta kienet dwar* gross misconduct *min-naħa tar-Rikorrent peress illi r-rikorrent ħadem rotta li kienet* off service *u mhux awtorizzata, u/jew kwalunkwe aġir ieħor jew imġiba li toffendi jew tkun ta' dannu għal jew tmur kontra l-interessi tal-kumpannija jew ta' xi impjegat ieħor. L-ittra tgħid ukoll illi f'każ ta'* gross misconduct *l-inkjesta tista' twassal biex ir-Rikorrent jitkeċċa mill-impjieg. F'dal-istadju ċ-charge bilfors illi kien dwar "aġir ieħor jew imġiba li toffendi jew tkun ta' dannu għal jew tmur kontra l-interessi tal-kumpannija jew ta' xi impjegat ieħor" u dan għaliex sa dakinhar illi nħarġet iċ-*charge letter *is-soċjetà kienet għadha ma tafx illi r-rikorrent ħadem biċċa rotta li kienet* off service *u mhux awtorizzata.*
*Paġna 3 tal-kuntratt tal-impjieg (Dok. MPT1) tistipula li, "Inti mistenni li ... ġġib ruħek b'mod professjonali f'kull ħin waqt il-qadi ta' dmirijietek, kemm mal-passiġġieri kif ukoll mal-pubbliku in ġenerali." Ċertament ir-Rikorrent ma ġabx ruħu b'mod professjonali waqt il-qadi ta' dmirijietu nhar it-3 ta' Frar 2016.*

*5.3 L-akkuża tas-soċjetà verso r-Rikorrent skont iċ-charge letter kienet ta' "*Gross misconduct: unauthorised off service route and/or serious irregular service operation as per report attached; any other form of behaviour or conduct which is

offensive or harmful or detrimental to the Company's interests or any other employee's interests."

*Presumibbilment is-soċjetà qieset illi l-aġir tar-Rikorrent kien ta' dannu għall-interessi tas-soċjetà. Iżda, kif muri fil-paragrafu ta' qabel dan, meta ħarġet iċ-*charge *letter l-akkuża kienet dik ta'* serious irregular service operation as per report attached. *Din taqa' ċarament taħt* final written warning.

*Anki kieku l-ittra tat-tkeċċija riedet tirreferi wkoll għal* unauthorised off service route, *skont paġna 28 tal-Information Guide and Regulations, "*unauthorised off service route and/or serious irregular service operation" *jistħoqqilhom* "a final written warning."

*5.4 Għat-Tribunal, fiċ-**ċirkustanzi,** l-aġir tar-Rikorrent skont il-parametri tal-Information Guide and Regulations tal-istess soċjetà ma kkostitwixxiex* gross misconduct. *Iżda anki jekk ikkostitwixxa* gross misconduct*, trid tara jekk ir-Rikorrent kienx ħati għal kollox biex jistħoqqlu tkeċċija mill-impjieg.*

*Ms Rachel Galea, HR Executive tas-soċjetà, xehdet illi li d-*destination sign *ikun mitfi hija kontra r-regoli tas-soċjetà. Kompliet tixhed illi hija* gross misconduct *għas-soċjetà għaliex "... aħna kif mitlubin bil-kuntratt ma konniex qegħdin nonoraw dawn l-obbligi tagħna; jiġifieri hemm il-konsegwenzi li aħna suppost qed noperaw servizz u mhux qiegħed jeżisti għax xarabank mitfija ħadd ma jwaqqafha ...".*

*Huwa minnu li s-soċjetà qiegħda tiġi sussidjata b'mod qawwi għall-operat tagħha minn fondi pubbliċi, u għalhekk kemm l-impjegat kif ukoll is-soċjetà għandhom obbligi mhux biss lejn xulxin iżda wkoll lejn il-pubbliku.*

*Fl-istess ħin però s-soċjetà trid toqgħod attenta illi ma tinterpretax,* "any other form of behaviour or conduct which is offensive or harmful or detrimental to the Company's interests ...", *li skont paġna 30 tal-Information Guide and Regulations jikkostitwixxi ġustifikazzjoni għal tkeċċija, b'mod wiesgħa. Kull aġir irresponsabbli min-naħa tal-impjegat iqiegħed lis-soċjetà f'qagħda kerha mal-pubbliku u/jew l-awtoritajiet.* Serious irregular service operation jimmerita final written warning – *hekk huwa stipulat fl-Information Guide and Regulations – iżda mhux* gross misconduct.

*Anki meta s-soċjetà saret taf illi r-Rikorrent kien ħati li għamel* unauthorised off service route *u dan saret tafu mir-Rikorrent innifsu, dan l-aġir ħażin jaqa' taħt* a final written warning *u dan skont l-Information Guide & Regulations.*

*5.5 Is-Soċjetà tista' targumenta li r-rikorrent naqas fuq diversi punti li kollha mmeritaw* final written warning. *Iżda dawn kollha ġraw fl-istess okkażjoni. U għalhekk ir-rikorrent ma ngħatax ċans illi jkun imwiddeb serjament; inqatgħetlu għat-tkeċċija mill-ewwel.*

*5.6 L-ittra tat-tkeċċija intbagħtet wara smigħ li fih ir-Rikorrent ta l-verżjoni tiegħu, liema smigħ sar fil-preżenza tar-rappreżentanti tat-trade union tiegħu, u wara li s-Soċjetà irrikonsidrat id-deċiżjoni tagħha fuq appell tar-Rikorrent. Il-partijiet qablu li s-Soċjetà mxiet b'mod serju fit-trattament tal-Każ f'dak illi għandu x'jaqsam ma' proċedura ta' ilmenti.*

*5.7 "Inkwetat ħafna fuq dan il-każ". Hekk qal ir-Rikorrent waqt is-smigħ dixxiplinarju intern tal-11 ta' Frar 2016, skont il-Minuti (Dok. MPT5).*

*Ms R. Galea, paġna 3 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-13 ta' Ottubru 2016, xehdet illi, "Qal fatt ieħor li għalina kien ... ġdid. Ikkonfermalna li kien anke għamel parti mir-rotta ħażin." Il-fatt illi r-Rikorrent stqarr dan minn jeddu juri element ta' sinċerità u onestà. Dan juri rimors.*

*5.8. Ir-Rikorrent, matul servizz ta' ftit anqas minn erba' snin u nofs, qatt ma kellu miżura dixxiplinarja meħuda kontra tiegħu.*

*Fil-proċess issemmew* charges *pendenti.*

*Filwaqt illi fir-risposta għar-rikors promutur is-Soċjetà ddikjarat illi, "ċ-*charge letters *pendenti relatati ma' kolliżjonijiet bil-vetturi tas-Soċjetà ma ffurmawx parti mill-motivazzjoni għat-tkeċċija," Ms Galea xehdet illi, "... kien għad għandna* charges *oħrajn" (Dok. MPT6 u MPT7)."*

*Iż-żewġ ħabtiet saru fil-21 ta' April 2015 u fit-28 ta' Ottubru 2015. Dok. MPT6 juri li fl-ewwel ħabta d-danni kienu, "*small scratch*", u ma hemmx tagħrif dwar jekk il-vjeġġ baqax sejjer jew le; u fit-tieni ħabta, "*no damage*", u r-rotta ma tkomplietx.*
*Kieku r-Rikorrent kien ipproċessat għaż-żewġ charges x'aktarx illi, skont l-*Information Guide and Regulations*, jekk l-inċidenti kienu jitqiesu bħala* minor road traffic accidents, *ir-Rikorrent kien jieħu żewġ* written warnings. *Iżda jekk ir-Rikorrent kinux jistħoqqlu miżuri dixxiplinarji rigward daż-żewġ inċidenti hija assunzjoni, għaliex is-Soċjetà kienet għadha ma semgħetx id-difiża tar-Rikorrent b'mod formali bħala parti mill-proċess dixxiplinarju. Probabbilment kienet taf l-argumenti tad-difiża tiegħu bħala parti mill-proċess normali tal-investigazzjoni li ssir mill-kumpannija tal-assikurazzjoni fil-każi ta' inċidenti tat-traffiku. Iżda l-proċess dixxiplinarju ntern irid isir. U dan ma sarx.*

*Dok. MPT6 juri li fiż-żewġ ħabtiet illi kellu r-Rikorrent bil-karozza tal-linja li kien qed isuq huwa kellu tort skont il-Claims Department tas-Soċjetà. Is-Soċjetà ma setgħetx tikkonsidrahom bħala parti mir-raġuni tat-tkeċċija għaliex meta l-Claims Department sab illi t-tort taż-żewġ inċidenti tat-traffiku (il-ħabtiet) kienu tar-Rikorrent, it-tkeċċija kienet diġà seħħet. Però, meta ttieħdet id-deċiżjoni tal-appell mid-deċiżjoni tat-tkeċċija, fil-proċedura interna tas-Soċjetà, liema deċiżjoni tal-appell ittieħdet fil-5 ta' Mejju 2016, ir-rapporti tal-Claims Department kienu ħarġu peress illi dawn ħarġu fid-29 ta' Frar 2016. Fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2016, paġna 1 tat-traskrizzjoni tas-seduta, Ms Galea xehdet illi, "Philip kien ħati ta' dawn l-inċidenti u **aħna ħallasna l-ispejjeż**."*

*It-Tribunal ma jarax għaliex issemmew dawn iċ-charges jekk ma nfluwenzawx id-deċiżjoni tat-tkeċċija u, suppost, **lanqas id-deċiżjoni tal-appell.***

*5.9 It-Tribunal iħoss illi għandu jirrileva li min iħaddem jeħtieġ illi jkun konxju li hemm diversi gradi ta' dixxiplina qabel it-tkeċċija – twissijiet bil-fomm, twissijiet bil-miktub, sospensjoni mix-xogħol bla ħlas (fejn jeżisti Ftehim Kollettiv li jipprovdi għal tali miżura, bħal fil-każ odjern), tnaqqis fil-grad tal-impjieg* (demotion).

*5.10. Fil-kunsiderazzjonijiet tiegħu biex jiddetermina x'pass dixxiplinarju għandu jieħu, min iħaddem għandu jiżen il-ħażin mat-tajjeb illi l-impjegat konċernat ikun għamel mal-azjenda. L-*employer *irid jikkunsidra wkoll jekk l-impjegat konċernat ikkommettiex l-aggravju għax ried, b'ħażen, jew inkella minħabba djufija umana li, mill-imġiba tiegħu matul iż-żmien illi jkun għamel mal-azjenda, il-probabbilità tkun illi l-impjegat ma jkunx se jerġa' jagħmilha, għax kien żball tal-mument. Irid jikkunsidra wkoll l-attitudni tal-impjegat kif ippruvata matul is-servizz illi jkun ta lill-azjenda. Jekk l-attitudni tal-impjegat ġeneralment kienet pożittiva, rispettabbli, u onesta, din għandha tingħata importanza kbira.*
*Naturalment, f'każ illi l-aggravju fl-aġir fuq il-post tax-xogħol ikun serjissimu minnu nnifsu, bħal serq/ħsara lill-proprjetà tal-azjenda, vjolenza,* bullying/*fastidju ripetut, insubordinazzjoni gravi, attitudni negattiva għal kollox b'riperkussjonijiet serji fuq impjegati oħra u/jew l-azjenda per se, teħid u/jew tixrid ta' sustanzi perikolużi, ma jkunx hemm alternattiva għat-tkeċċija.*

*Is-Sur Charlton Calleja xehed illi, "Ġieli ... kien ikun hemm aċċident ... ikollok bus wieqfa u trid tibgħat bus oħra, kien ikollna (per) eżempju buses u xufiera ma jkollniex, ġieli kien ikun qiegħed fi-break tiegħu jew għall-mod tal-kelma spiċċa, sejjer lejn id-dar, tgħidlu, "Agħmilli pjaċir, mur ġibli hemm vjeġġ nies mur ħudhom*

*fit-triq tagħhom." "Mhux problema". Dik il-kelma li kien jgħid hu. "Arani sejjer. Jaqbad il-bus u dejjem telaq."*

*It-Tribunal jinnota li dan ma ġiex ikkontestat mis-Soċjetà.*

*5.11 Dok. JS1, li hija l-*employment history *tar-Rikorrent kif tidher għand il-Jobsplus, turi li fl-4 ta' Marzu 2016 huwa kien sab impjieg u sakemm intemmu s-seduti tat-Tribunal baqa' impjegat. Il-fatt illi r-Rikorrent, wara t-tkeċċija, mill-ewwel fittex u sab impjieg, jikkonferma dak illi xehed is-Sur Calleja dwaru – li r-Rikorrent huwa ħabrieki, bieżel, jaħdem iebes.*

*5.12 Skont l-ittra tat-tkeċċija l-motivazzjoni kienet imsejsa fuq l-"inċident tat-3 ta' Frar 2016", liema għemil, skont l-*Information Gudie and Regulations *tas-Soċjetà, huwa sanzjonat permezz ta'* final written warning*. Għat-Tribunal dan ma jiġġustifikax l-aktar miżura drastika ta' dixxiplina u ċioe dik ta' tkeċċija. Ir-rikorrent kellu jingħata ċans ieħor. U dan, aktar u aktar, f'dal-każ, meta si tratta minn impjegat li ta lilu nnifsu lis-Soċjetà kif xehed is-Sur Calleja, liema xhieda ma ġietx miċħuda mis-Soċjetà u kif ir-Rikorrent stess iddikjara li s-Sur Simiana kien sorpriż meta dan irċieva r-rapport fuq l-inċident ta' Frar.*

*Il-Minuti ma jurux li ġew diskussi mankanzi serji oħra.*

*5.13 It-Tribunal jinnota li filwaqt illi fid-dikjarazzjoni tal-każ ir-Rikorrent talab lit-Tribunal biex ir-Rikorrent jitħallas kumpens ġust mis-Soċjetà, ma semmiex it-talba li kien għamel fir-rikors promutur li t-Tribunal iġiegħel lis-Soċjetà taċċetta lir-Rikorrent lura għax-xogħol; lanqas fin-Nota Responsiva tar-rikorrent għan-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-Soċjetà intimata ma saret tali talba.*

## *6. **Konklużjoni***

*6.1 Ir-Rikorrent tkeċċa minħabba, "*Driver travelling with Bus Destination switched off." *Is-Soċjetà ddeċidiet illi tali mankanza kkostitwiet, "*serious irregular service operation*". Skont il-Gwida tas-Soċjetà tali mankanza hija espressament indikata bħala li timmerita "*a final written warning*". Is-Soċjetà sostniet illi l-aġir tar-Rikorrent kien detrimentali għall-interessi tal-kumpannija. Peress illi skont il-Gwida msemmija aġir detrimentali għall-interessi tal-kumpannija jikkostitwixxi* gross misconduct *u allura jistħoqq tkeċċija, is-Soċjetà kkonkludiet illi r-Rikorrent kellu jitkeċċa.*

*6.2 Il-lista ta' eżempji li skont il-Gwida msemmija jimmeritaw* a final written warning *tinkludi "*serious failing in work standards", "serious customer service complaint",

"unprofessional driving standards", *u* "serious traffic accident"*. Kull wieħed minn dawn il-mankanzi huwa aġir detrimentali għall-interessi tal-kumpannija, iżda s-Soċjetà trid tiddeċiedi jekk għandhomx jaqgħu taħt* a final written warning *jew taħt tkeċċija. Ma tistax tħallihom miftuħin illi jaqgħu taħt iż-żewġ miżuri dixxiplinarji. Naturalment jekk ikun hemm ripetizzjoni ta' aġir illi normalment jimmerita* a final written warning *u tali ripetizzjoni sseħħ f'intervall ta' ftit snin allura jkun jimmerita tkeċċija.*

*6.3 Ir-Rikorrent ikkommetta diversi mankanzi serji. Dan irid ikun rifless fil-kumpens illi t-Tribunal jagħtih billi l-kumpens ikun imtaffi biex jikkorrispondi ma' tali mankanzi.*

*6.4 Għalkemm l-attitudni tar-Rikorrent bħala impjegat għandha elementi pożittivi, huwa żbalja serjament u wasal ukoll biex il-ġustifikazzjoni li pprova jġib għall-aġir tiegħu kienet tbati minn kredibbilità, u għalhekk is-Soċjetà ma tistax tkun mistennija li tirripristina r-relazzjoni tagħha ta' employer/impjegat mar-Rikorrent.*

*6.5 L-elementi pożittivi huma indikati f'6.1.5.2 (l-aħħar paragrafu – "... indunajt illi żbaljajt"), 6.1.5.3 (peress illi kien hu li għarraf lis-Soċjetà, minn jeddu, li saq fuq rotta mhux awtorizzata), 6.7, 6.10 u 6.11.*

*Dawn jattenwaw il-gravità tal-aġir abbużiv tar-Rikorrent.*

***Deċiżjoni***

*Wara li fela r-rikors tas-Sur Philip D'Anastasi, ir-risposta ta' Malta Public Transport Services (Operations) Limited, id-dokumentazzjoni kollha li nġiebet għall-attenzjoni tat-Tribunal, ix-xhieda kollha kif traskritta, is-sottomissjonijiet finali taż-żewġ partijiet, u rrifletta sewwa fuq il-kunsiderazzjonijiet illi għamel it-Tribunal kif elenkati f'dal-proċess, l-istess Tribunal jaqta' u jiddeċiedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent minn mas-Soċjetà ma kinitx waħda ġusta u għalhekk jilqa' t-talba tar-rikorrent għal kumpens.*

*It-Tribunal jistabbilixxi tali kumpens għas-somma ta' sitta u tlein elf, mija u ħdax-il euro (€36,111). Is-Soċjetà intimata hija ordnata tħallas dis-somma lir-Rikorrent mhux aktar tard mid-29 ta' Frar 2020 b'dan illi s-soċjetà intimata tħallas lir-rikorrent mhux anqas minn għoxrin elf (€20,000) mis-somma msemmija mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2020.*

*Għall-finijiet tal-Avviż 48 tal-1986 rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jiġu ffissati fl-ammont ta' €93.17 kull wieħed, b'dan illi l-ammont totali ta' €186.34 jitħallas mis-soċjetà intimata.*

*Għall-iskopijiet tal-artikolu 78 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta jingħad illi dal-Każ ma setax jiġi deċiż fiż-żmien mogħti bil-Liġi minħabba differimenti u raġunijiet amministrattivi.*

*B'hekk tintemm dil-kwistjoni tax-xogħol."*

## L-Appell

6. Is-soċjetà intimata ppreżentat l-appell tagħha mid-deċiżjoni appellata fit-28 ta' Jannar, 2020, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex,

*"... tilqa' l-aggravji u l-appell tagħha, u wara li tħassar, tannulla u/jew tirrevoka d-deċiżjoni appellata tat-Tribunal Industrijali datata 16 ta' Jannar 2020, taqta' l-istess kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà appellanta, u tiddikjara illi t-tkeċċija saret għal raġuni tajba u biżżejjed skont il-liġi b'dan illi fil-każ li dina l-Onorabbli Qorti ssib illi ma kienx hemm raġuni tajba u biżżejjed skont il-liġi, tirrevedi l-kalkolu tal-kumpens u/jew tibgħat lura l-każ lit-Tribunal għal reviżjoni skont kif jidrilha li huwa xieraq u ġust skont il-provvedimenti u d-dettami tal-liġi."*

7. Is-soċjetà appellanta tgħid li hija ħasset ruħha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal għal żewġ raġunijiet ewlenin, u dan wara li spjegat li bħala l-unika operatur tat-trasport pubbliku f'Malta u Għawdex, li huwa meqjus bħala servizz essenzjali, hija tirċievi fondi pubbliċi sostanzjali sabiex tkun tista' tħaddem dan is-servizz. Spjegat li in vista tal-fatti kif irriżultaw, it-Tribunal żbalja meta kkonkluda li kien hemm ftehim kollettiv applikabbli għal dan il-każ, għaliex fiż-żmien li fih seħħ l-akkadut ma kien hemm l-ebda ftehim kollettiv li jirregola l-impjieg tal-ħaddiema tas-soċjetà appellanta, u barra minn hekk

naqas milli japplika b'mod korrett il-prinċipju ta' x'inhu dak li jikkostitwixxi "raġuni tajba u biżżejjed" għat-tkeċċija skont iċ-ċirkostanzi tal-każ. L-appellanta żiedet tgħid li konsegwentement it-Tribunal wasal għal deċiżjoni skorretta meta ddikjara li t-tkeċċija kienet waħda inġusta. Barra minn hekk, is-soċjetà appellanta ħassitha aggravata minħabba li l-mod li bih ġie kkalkulat il-kumpens dovut lill-appellat hu magħġun f'inkonsistenzi u kontradizzjonijiet li wasslu għal kumpens eċċessiv u esaġerat, u li bl-ebda mod ma jirrifletti l-konklużjonijiet tat-Tribunal dwar il-fatti tal-każ, li għalhekk wasal għal kumpens li huwa inekwu u sproporzjonat.

8. Is-soċjetà appellanta saħqet li d-deċiżjoni tat-Tribunal ma ssegwix il-konklużjonijiet magħmula minnu, u aktar minn hekk ma ssegwix id-dettami tal-ġurisprudenza Maltija dwar dak li jikkostitwixxi "raġuni tajba u biżżejjed" għat-terminazzjoni skont il-liġi. L-appellanta tgħid li l-konklużjonijiet elenkati mit-Tribunal kellhom iwasslu għal deċiżjoni diversa minn dik li eventwalment ingħatat, jiġifieri li kien hemm raġuni tajba u biżżejjed għat-tkeċċija. Fost il-konklużjonijiet li laħaq it-Tribunal hemm il-fatt li l-appellat kien konxju li kien qiegħed isuq bid-*destination signal* mitfi; li l-appellat kien jaf li seta' kien hemm passiġġieri li tħallew l-art meta dak kien l-aħħar vjaġġ fuq dik ir-rotta partikolari; li t-Tribunal kien konvint li l-appellat qata' r-rotta fil-qasir b'abbuż; li l-appellat ma ndenjax ruħu jirritorna t-telefonata li saritlu minn uffiċjal tal-kumpannija; li l-appellat injora totalment u b'mod kapriċċuż u irresponsabbli proċedura bażilari, jiġifieri dik li jistabbilixxi kuntatt mal-*control room* ħalli jieħu struzzjonijiet minn hemmhekk, meta ntebaħ li kien qabeż biċċa mir-rotta; li l-appellat naqas milli josserva l-proċeduri interni tal-kumpannija; li fi kliem it-

Tribunal l-appellat żbalja serjament u għalhekk l-appellanta ma setgħetx tkun mistennija li tirripristina r-relazzjoni tagħha ta' *employer* fil-konfront tal-appellat; u li l-appellat ma ġabx ruħu b'mod professjonali waqt il-qadi ta' dmirijietu. Is-soċjetà appellanta qalet li minkejja dawn il-konklużjonijiet tat-Tribunal, u minkejja l-mod dettaljat li bih it-Tribunal ikkonsidra l-provi u x-xhieda li dehru quddiemu, kompla billi kkonsidra li peress li ċ-*charge letter* li wasslet għat-tkeċċija kienet tinkludi *charge* ta' *serious irregular service operation as per report attached,* u peress li din iċ-*charge* kellha twassal għal *final written warning,* minn dan kellu jsegwi li l-appellat ma kellux jitkeċċa taħt din iċ-*charge* partikolari, iżda kellu biss jingħata twissija. L-appellanta qalet li huwa hawnhekk fejn it-Tribunal żbalja minħabba li minflok eżerċita d-diskrezzjoni soġġettiva tiegħu rigward il-fatti oġġettivi tal-każ, għażel minflok li jiffoka fuq punt ta' proċedura sabiex jiskuża lill-appellat minn dak li għamel. L-appellanta qalet li t-Tribunal ikkonsidra li l-fatt li l-appellat tefa' d-*destination signal* tal-vettura, liema nuqqas jikkostitwixxi *serious irregular service operation,* skont il-Gwida tas-soċjetà appellanta, dan kellu jwassal għal *final written warning.* Is-soċjetà appellanta qalet li hija ma taqbilx ma' din il-linja ta' ħsieb għaliex l-*Information Guide & Regulations* ma jiffurmawx parti minn xi ftehim kollettiv, imma huma biss linji gwida li wieħed għandu jimxi fuqhom għalkemm mhux neċessarjament josservahom kelma b'kelma. L-appellanta tgħid li minkejja tali konklużjoni li wasal għaliha t-Tribunal, mix-xhieda ta' Rachel Galea kellu jirriżulta li s-soċjetà appellanta ma kellha l-ebda ftehim kollettiv għall-ħaddiema tagħha sal-2017, u għalhekk fiż-żmien meta seħħew dawn il-fatti ma kien hemm l-ebda ftehim kollettiv viġenti. B'żieda ma' dan, is-

soċjetà appellanta qalet ukoll li t-termini tal-*Information Guide and Regulations* jipprovdu illi ċ-*charge* inkwistjoni '*may*' u mhux '*shall*' *lead to a final written warning.* L-appellanta għamlet riferiment għal klawsoli oħra tal-istess linji gwida li jipprovdu li ksur li jaffettwa s-servizz tal-konsumatur jew ir-relazzjonijiet tal-kumpannija mal-konsumatur jiġu meqjusa b'serjetà mill-kumpannija, u klawsola oħra li tipprovdi li l-ebda impjegat m'għandu jitkeċċa wara l-ewwel ksur li jwassal għal passi dixxiplinarji, ħlief fil-każ ta' *gross misconduct.* Il-linji gwida jgħidu wkoll li persuna tista' titkeċċa mingħajr twissija f'każ li jiġi stabbilit li kien hemm *gross misconduct, major breach of duty* jew *conduct that brings the company into disrepute* min-naħa tal-impjegat. Is-soċjetà appellanta kompliet tgħid li għalhekk il-konklużjoni li wasal għaliha t-Tribunal mhux biss hija waħda puntiljuża u formalistika, iżda hija wkoll żbaljata *ai termini* ta' dawn l-istess linji gwida. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal kellu jikkonsidra wkoll l-intenzjoni ħażina li kellu l-appellat, l-aġir ħażin tiegħu, u l-ħsara li setgħet issofri s-soċjetà appellanta kemm fil-konfront tal-obbligi li din għandha mal-Gvern, bħala l-uniku operatur tat-trasport pubbliku fil-pajjiż, kif ukoll fil-konfront tal-konsumaturi tagħha. Is-soċjetà appellanta qalet li l-operatur tat-trasport pubbliku kien diġà sofra ħsara reputazzjonali meta kien jopera bl-isem "Arriva", u l-appellat messu kien jaf li kellu joqgħod attent sabiex il-kumpannija li impjegatu ma ssofrix aktar ħsara għar-reputazzjoni tagħha. L-appellanta saħqet li għandu jkun aċċettat li tkeċċija sommarja ta' impjegat tista' sseħħ meta jkun hemm ċirkostanzi gravi li jimmeritaw tali tkeċċija, u f'dan il-każ ma kien hemm l-ebda kuntratt jew ftehim li jimponi xi obbligu fuq min iħaddem li joħroġ twissija finali qabel issir

it-tkeċċija. L-appellanta qalet li ladarba t-Tribunal ikkonkluda li kien hemm diversi episodji ta' *misconduct* li kienu ġraw, il-prinċipal kellu raġuni suffiċjenti u tajba biżżejjed biex jittermina l-impjieg tal-appellat. Qalet ukoll li mill-mod kif l-appellat ipprova jġib skuża għal dak li ġara, jirriżulta li dan ma kellu l-ebda rimors għal dak li ġara, u għalhekk il-fiduċja tal-prinċipal fih intilfet. L-appellanta qalet li ma tistax tifhem kif wara li l-appellat instab li b'mod konxju qata' r-rotta fil-qasir, tefa' d-*destination sign* fuq il-karozza tal-linja u saq mingħajr ma għabba l-passiġġieri li kienu qegħdin jistennew is-servizz tal-linja, għadda minn proċess ta' dixxiplina u appell intern, u minkejja dan kollu ngħata kumpens ta' aktar minn sitta u tlein elf Euro. Is-soċjetà appellanta kompliet tgħid li ladarba t-Tribunal sab li l-prinċipal kellu raġuni valida biżżejjed biex ma jerġax jirripristina r-relazzjoni mal-impjegat minħabba l-aġir tiegħu, il-loġika kellha twassal lit-Tribunal biex jikkonkludi li l-impjieg tal-appellat ġie tterminat għal raġuni tajba skont il-liġi, u għalhekk il-prinċipal m'għandux ikun kostrett iħallas xi forma ta' kumpens f'dawk iċ-ċirkostanzi.

9. Fir-rigward tat-tieni aggravju mressaq minnha, l-appellanta tgħid li l-mod li bih ġie kkalkulat il-kumpens mit-Tribunal huwa mimli inkonsistenzi u żbalji, partikolarment għaliex it-Tribunal ikkonsidra wkoll is-sahra li kien jaħdem l-appellat, meta huwa ben risaput li s-sahra m'għandhiex tkun ikkomputata jew garantita bħala xi jedd tal-impjegat. L-appellanta spjegat li mill-provi rriżulta li l-appellat għamel biss total ta' għaxart ijiem mingħajr impjieg, u għalhekk il-potenzjal tal-appellat li jsib impjieg ieħor baqa' mhux mittiefes b'din it-tkeċċija tiegħu. Is-soċjetà appellanta żiedet tgħid li mhux biss l-appellat irnexxielu jsib impjieg alternattiv fi żmien qasir, iżda

sussegwentement dan sab żewġ impjiegi oħra, fosthom bħala *electrician,* fattur dan li juri li l-appellat mhux limitat fit-tip ta' xogħol li jista' jagħmel. L-appellanta qalet li madanakollu jirriżulta li t-Tribunal akkorda kumpens lill-appellat għad-differenza sofferta bejn il-paga li kien jaqla' mas-soċjetà appellanta u x-xogħol li sab wara li tilef l-impjieg tiegħu, kif ukoll ingħata kumpens għad-differenza li kellu mal-aħħar kumpannija li impjega ruħu magħha, tenut kont is-snin li fadallu jaħdem sakemm jilħaq l-età tal-irtirar. L-appellanta qalet li komputazzjoni bbażata fuq dan it-tip ta' raġunar ma tagħmel l-ebda sens, u t-Tribunal kellu jillimita ruħu fl-għoti ta' kumpens, f'każ li jirriżultaw ċirkostanzi fattwali li jaffettwaw il-potenzjal tal-impjieg tiegħu, u mhux telf ta' qligħ futur, kif jiġri f'każijiet fejn il-Qorti takkorda danni minħabba *lucrum cessans,* kif jidher li għamel it-Tribunal. Is-soċjetà appellanta qalet li hija ħassitha partikolarment aggravata minħabba li t-Tribunal jirriżulta li ħa konsiderazzjoni tad-dħul gross tal-appellat, li jinkludi s-sahra li kien jaħdem, meta huwa fatt magħruf li s-sahra mhix xi jedd sagrosant tal-impjegat jew xi ħaġa garantita. Is-soċjetà appellanta qalet li filwaqt li mill-impjieg kurrenti li l-appellat għandu mal-Aviaserve, dan għandu introjtu ta' €224 għal 40 siegħa xogħol fil-ġimgħa, mill-impjieg li kellu mas-soċjetà appellanta l-appellat kellu introjtu ta' €290 mingħajr sahra, għal 48 siegħa ta' xogħol. Qalet li minn dan għandu jirriżulta li l-appellat għandu jkollu ferm aktar ħin jaħdem is-sahra issa la għandu inqas sigħat ta' xogħol.

10. Is-soċjetà appellanta tgħid li minkejja li t-Tribunal għamel komputazzjoni bbażata fuq il-probabbilità li l-appellat ser ikun qiegħed itejjeb l-introjtu tiegħu fil-futur, u qal li hemm 60% ċans li jiġri hekk, din il-figura mhix ibbażata fuq xi

provi li tressqu. L-appellanta tgħid li ladarba t-Tribunal stabbilixxa li hemm ċans kbir li l-appellat itejjeb l-introjtu tiegħu fil-futur, il-kumpens li ngħata kellu jirrifletti dan. B'riferiment għall-konsiderazzjonijiet li saru mit-Tribunal dwar il-*performance bonus* tal-appellat, l-appellanta tgħid li dan qatt mhuwa garantit, partikolarment f'kuntest fejn dan l-impjegat kien involut mhux biss f'kolliżjonijiet, iżda anki f'aġir irresponsabbli ieħor li eventwalment wassal għat-tkeċċija tiegħu mill-impjieg.

11. Is-soċjetà appellanta kkonkludiet billi qalet li f'każ li t-Tribunal jasal għall-konklużjoni li l-appellat tkeċċa mingħajr raġuni tajba, dan m'għandux iwassal biex b'mod awtomatiku dan jingħata kumpens sad-data tal-irtirar. B'riferiment għall-perċentwali ta' tnaqqis li sar mit-Tribunal, l-appellanta qalet li dan it-tnaqqis u dawn il-perċentwali huma ferm arbitrarji. Qalet li hija ma tistax tifhem il-komputazzjoni finali li wasal għaliha t-Tribunal li ta aktar minn sitta u tletin elf Euro lil xi ħadd li nstab ħati li aġixxa b'mod irresponsabbli u li ġab ruħu bil-mod kif ġab ruħu l-appellat, u qalet li din id-deċiżjoni qiegħda tagħti lok għal aktar abbużi mingħand impjegati li jafu li minkejja li l-prinċipal tagħhom ikun tilef il-fiduċja fihom, dan xorta waħda ma jistax ikeċċihom. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, l-appellanta qalet li t-Tribunal kellu jsib li hemm raġuni tajba u biżżejjed għal tkeċċija sommarja; li f'każ li ma kienx hemm raġuni tajba u suffiċjenti għat-tkeċċija, it-Tribunal ma kellux jikkalkula danni futuri sal-età tal-pensjoni; u f'kull każ il-kalkolu tad-danni reali u tal-*lucrum cessans* maħduma mit-Tribunal ma kellhomx ikunu bbażati fuq id-dħul gross tal-appellat, li t-tnaqqis għan-negliġenza kontributorja għandu jiżdied minn 55% għal tal-inqas 80%, u li f'każ li ser jingħata l-*lucrum cessans,* għandha

titnaqqas somma oħra ta' 20% mit-total tenut kont li dan il-ħlas ser ikun qiegħed isir f'darba.

**Ir-risposta tal-appell**

12. Fir-risposta tal-appell tiegħu l-appellat jgħid li d-deċiżjoni tat-Tribunal kienet ġusta u timmerita konferma. Preliminarjament l-appellat jeċċepixxi li l-appell tas-soċjetà appellanta huwa improponibbli stante li ma sarx skont it-termini tal-liġi, u l-appell huwa bbażat fuq il-premessa li in vista tal-konklużjonijiet li wasal għalihom it-Tribunal, dan kellu jasal għal konklużjoni differenti minn dik li wasal għaliha. Qal li sakemm din hija l-bażi tal-appell, huwa ċar li s-soċjetà appellanta qiegħda tippretendi li ssir analiżi mill-ġdid tal-provi, meta d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmluha ċara li appell jista' jsir biss fuq punt ta' liġi. L-appellat kompla jgħid li d-deċiżjoni impunjata hija ferm dettaljata u motivata, u t-Tribunal kien għamel analiżi dettaljata dwar jekk l-aġir tal-appellat kienx jikkwalifika bħala ta' gravità tali li jimmerita tkeċċija. L-appellat għamel riferiment għad-deċiżjoni tat-Tribunal fejn dan sostna li wieħed irid jiżen il-ħażin li jkun għamel l-impjegat mal-imġiba tajba tiegħu tul is-snin. Kompla jgħid li kien wara li t-Tribunal semma l-punti pożittivi fl-imġiba tal-appellat, li kkonsidra li dawn kienu jattenwaw il-gravità tal-aġir tal-appellat, u li għalhekk dan ma kienx jistħoqqlu li jiġi mkeċċi, u li setgħu jittieħdu passi dixxiplinarji oħrajn fil-konfront tiegħu. L-appellat qal li sa fejn din il-Qorti qiegħda tintalab terġa' tistħarreġ il-mertu ta' din il-kwistjoni, it-talbiet tas-soċjetà appellanta huma improponibbli *ai termini* tal-liġi. Żied

jgħid li anki f'każ li din il-Qorti taċċetta li tisma' dan l-appell, din xorta waħda għandha tevita li tagħmel analiżi mill-ġdid tal-provi, għaliex normalment il-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-Ewwel Qorti.

13. L-appellat għamel riferiment għal dak sottomess mis-soċjetà appellanta li qalet li ladarba t-Tribunal sab li hija mhijiex mistennija tirripristina r-relazzjoni tagħha ta' prinċipal mal-appellat, hija kellha raġuni tittermina, u għalhekk m'għandhiex tiġi ordnata tħallas kumpens. L-appellat qal li t-Tribunal għamel din l-osservazzjoni qabel wasal għad-deċiżjoni tiegħu dwar jekk l-appellat għandux jiġi ripristinat f'xogħlu jew għandux jingħata kumpens. Dan bl-ebda mod ma kellu jippekkja fuq il-konklużjoni li wasal għaliha t-Tribunal li l-aġir tal-appellat ma kellux iwassal għat-tkeċċija tiegħu, u għalhekk it-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu minn mas-soċjetà appellanta ma kinitx waħda ġusta.

14. B'riferiment għall-*quantum* tad-danni likwidati, l-appellat jgħid li fi snin riċenti t-Tribunal beda jiddipartixxi minn likwidazzjoni ta' danni relattivament baxxi, u qiegħed jalloka danni realment mitlufa minn ħaddiema li jkunu sofrew tkeċċija inġusta. L-appellat qal li f'deċiżjonijiet oħra ta' din il-Qorti ġie stabbilit li l-kumpens li jista' jiġi akkordat mit-Tribunal huwa wieħed li jiġi likwidat *arbitrio boni viri,* sakemm il-kumpens ma jkunx wieħed sproporzjonat. L-appellat jgħid li l-Qorti tal-Appell f'deċiżjoni mogħtija fl-ismijiet **Publius Davison *vs.* De La Rue Currency Limited**, tal-11 ta' Ottubru, 2019, kienet stabbiliet li l-liġi ma timponi ebda limitu fuq il-kumpens likwidat, u għalhekk

għandu jkun hemm ħlas tad-danni kollha sofferti mill-impjegat, kemm f'danni reali kif ukoll f'danni futuri. L-appellat kompla jgħid li sabiex jiġġustifika t-talba tiegħu għal kumpens, huwa ppreżenta nota bil-kwantifikazzjoni tad-danni sofferti minnu, liema komputazzjoni huwa bbażaha fuq il-paga perċepita minnu, abbażi ta' dokumenti esebiti u komputazzjoni matematika li ħadet inkonsiderazzjoni l-paga mitlufa mill-appellat in vista tal-fatt li fl-impjieg il-ġdid li sab, huwa ma kellux l-istess dħul li kellu mill-impjieg mas-soċjetà appellanta. Żied jgħid li fix-xogħol li huwa kellu mal-appellanta, kien hemm ġimgħat meta huwa ħadem mat-tmenin siegħa, u minkejja li bħala prinċipju s-sahra u d-dħul mis-sahra mhumiex garantiti, fil-każ odjern wieħed jista' jgħid li s-sahra kienet garantita. L-appellat qal li s-somma ta' €36,111 li wasal għaliha it-Tribunal, huwa t-telf effettiv u reali li sofra l-appellat minħabba t-tkeċċija inġusta tiegħu mill-impjieg.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

15. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-appell imressaq mis-soċjetà appellanta, fid-dawl tar-risposta tal-appellat, u tad-deċiżjoni appellata mogħtija mit-Tribunal, fil-kuntest tas-sottomissjonijiet li saru mill-partijiet quddiemha. L-appellat jibda billi preliminarjament jeċċepixxi li l-appell intavolat mis-soċjetà appellanta m'għandux jintlaqa' sa fejn dan huwa bbażat fuq stedina lil din il-Qorti sabiex terġa' tagħmel analiżi tal-provi miġjuba quddiem it-Tribunal, għaliex appell minn deċiżjonijiet tat-Tribunal jista' jsir biss fuq punti legali u mhux fuq aspetti fattwali. Din il-Qorti tirrileva li hija għandha

l-obbligu li tassigura li l-ġustizzja mhux biss issir, iżda li ukoll tidher li qiegħda ssir, u għaldaqstant mill-mod kif inhuma ppostulati l-aggravji miġjuba mis-soċjetà appellanta, ma tistax tinjora l-provi u l-aspetti fattwali tal-każ sabiex tassigura li l-liġi applikabbli ġiet interpretata u applikata b'mod korrett.

*L-ewwel aggravju:* *It-Tribunal għamel sensiela ta' konklużjonijiet, li ma kellhomx iwasslu għad-deċiżjoni li t-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg ma kinitx waħda ġusta*

16. Is-soċjetà appellanta tgħid li hija l-unika operatur tas-servizz tat-trasport pubbliku f'Malta u Għawdex u sabiex tkun f'qagħda li tipprovdi dan is-servizz, hija tingħata fondi pubbliċi sostanzjali bħala sussidji, bl-aspettattiva leġittima li s-servizz mogħti minnha jkun wieħed ta' kwalità u li jaqdi l-ħtiġijiet tal-pubbliku li jagħmel użu mis-servizzi tagħha. Hija spjegat kif l-azzjonijiet tal-appellat waqt dak li kellu jkun l-aħħar vjaġġ tiegħu wara ħames snin ta' impjieg magħha, kienu gravi biżżejjed li jimmeritaw it-tkeċċija tiegħu, u għalhekk id-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal ma kinitx waħda korretta. Spjegat li kien wieħed mill-uffiċjali tagħha stess li rrapporta kif l-appellat saq bid-*destination signal* tal-vettura mitfija waqt l-aħħar vjaġġ li kien qiegħed jagħmel tard filgħaxija, bil-konsegwenza li diversi passiġġieri tħallew l-art u ma ngħatawx is-servizz. L-appellat ma kopriex ir-rotta kollha li kien mistenni li jagħmel, u ma rritornax telefonata li saritlu mill-*control room* tas-soċjetà appellanta. L-appellat injora l-proċeduri interni tas-soċjetà appellanta u meta induna li kien qabeż biċċa mir-rotta, naqas milli jinforma b'dan lill-*control room* sabiex jingħata struzzjonijiet minn hemmhekk. Fid-deċiżjoni appellata t-Tribunal

saħansitra rrimarka li l-appellat kien tilef il-fiduċja tal-prinċipal tiegħu, u għalhekk ma setax ikun mistenni li dan jirritorna lura fl-impjieg li kellu mas-soċjetà appellanta. Is-soċjetà appellanta kompliet tispjega kif minkejja li ġew stabbiliti dawn in-nuqqasijiet kollha da parti tal-appellat waqt l-aħħar vjaġġ li għamel, it-Tribunal xorta waħda wasal għall-konklużjoni, fil-fehma tal-appellanta żbaljata, li t-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg kienet waħda inġusta.

17. Il-Qorti kkonsidrat ukoll l-konsiderazzjonijiet li għamel it-Tribunal, li dawn in-nuqqasijiet tal-appellat għandhom jitqiesu bħala nuqqasijiet serji ferm, partikolarment għaliex ġie ikkawżat inkonvenjent lill-passiġġieri li baqgħu jistennew l-aħħar karozza tal-linja tasal u din baqgħet ma waslet qatt, kif ukoll wassal għal ksur tal-obbligi li s-soċjetà appellanta għandha mal-Gvern Malti u mal-pubbliku Malti li qiegħed jissussidja l-operat tagħha bl-aspettattiva li s-servizz li jingħata minnha jkun wieħed ta' kwalità. Minkejja s-serjetà ta' dawn in-nuqqasijiet iżda, it-Tribunal osserva wkoll li l-appellat kien ilu snin impjegat mas-soċjetà appellanta, li r-reputazzjoni tiegħu fuq il-post tax-xogħol kienet waħda tajba, li l-attitudni tiegħu lejn ix-xogħol b'mod ġenerali kienet waħda pożittiva, tant hu hekk li kien jagħmel kull xogħol li kien jintalab jagħmel, u tul is-snin kollha li kien ilu fl-impjieg mas-soċjetà appellanta, l-appellat qatt ma ngħata imqar twissija bil-fomm. Minn dak li rriżulta mill-provi wkoll, kien hemm element ta' sorpriża da parti ta' esponenti tas-soċjetà appellanta għall-aġir tal-appellat waqt dan l-aħħar vjaġġ tiegħu, għaliex din l-imġiba kienet waħda li ma kinitx solita tiegħu. Il-Qorti kkonsidrat ukoll li mill-provi rriżulta li l-appellat kien jintalab jaħdem sigħat twal, u li kien hemm istanzi fejn huwa anki qabeż tmenin siegħa ta' xogħol fil-ġimgħa. Apparti li dan

huwa indikattiv tal-livell ta' fiduċja li s-soċjetà appellanta kellha fl-appellat u tal-fatt li huwa kien dejjem dispost għax-xogħol li jingħatalu, il-Qorti qieset ukoll li x-xogħol ta' xufier ta' karozza tal-linja huwa fost l-aktar xogħlijiet stressanti u periklużi li hawn f'pajjiżna, partikolarment meta wieħed iqis li għal sigħat twal ix-xufier irid iħabbat wiċċu mal-pubbliku, mat-traffiku fit-toroq tagħna u mal-perikli kollha li s-sewqan iġib miegħu, inkluż kundizzjonijiet li jafu ma jkunu xejn faċli, bħal meta tkun ħafna xita. Is-soċjetà appellanta, biex issostni l-każ tagħha, qalet li kien hemm żewġ istanzi oħra fejn l-appellat kien involut f'inċident tat-traffiku, u hija spiċċat kellha tagħmel tajjeb għad-danni u għall-ispejjeż ikkawżati f'dawn l-inċidenti. Imma l-Qorti f'dan il-kuntest qieset li huwa minn ewl id-dinja li x-xogħol ta' sewqan ta' karozza tal-linja għal tul ta' ħin, ikun jinvolvi inċidenti stradali li sfortunatament huma okkorrenza komuni ħafna fit-toroq tagħna. Il-Qorti qieset ukoll li ladarba l-inċidenti li ssemmew mis-soċjetà appellanta ma kellhom x'jaqsmu xejn mar-raġuni għat-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg, dawn ma kellhomx jissemmew mis-soċjetà appellanta. Żewġ inċidenti mill-appellat f'perijodu ta' ħames snin isuq karozza tal-linja għal aktar minn sittin siegħa fil-ġimgħa, mhumiex xi ħaġa straordinarja, u meta għamlet riferiment għal dawn iż-żewġ inċidenti s-soċjetà appellanta aktar saħħet il-fehma tal-Qorti li tul is-snin ma kienx hemm raġunijiet oħra jew proċeduri dixxiplinarji fil-konfront tal-appellat li kellhom iwasslu għat-tkeċċija tiegħu. F'dan ir-rigward il-Qorti kkonsidrat li t-Tribunal għamel analiżi korretta tas-sitwazzjoni meta qal li l-aġir jew il-*misconduct* tal-impjegat irid jiġi mwieżen mal-imġiba korretta tiegħu tul is-snin u l-attitudni tiegħu lejn ix-xogħol b'mod

ġenerali, u wasal għall-konklużjoni li f'dan il-każ l-appellat kellu jingħata twissija formali u mhux is-sanzjoni estrema tat-tkeċċija.

18. Din il-Qorti mhix ser tgħaddi biex tagħti ġudizzju dwar dak li jistipulaw il-linji gwida li jirregolaw lill-impjegati tas-soċjetà appellanta. Linji gwida qegħdin hemm proprju biex iservu bħala gwida, u mhux qegħdin hemm biex jiġu interpretati fl-aktar sens restrittiv possibbli, għaliex jekk isir hekk, hemm ir-riskju li ħaddiem li jkun dejjem qeda dmiru bl-aħjar mod, jispiċċa jingħata l-aktar piena estrema mal-ewwel nuqqas meqjus 'gravi'. F'dan il-każ, mingħajr ma jitnaqqas xejn mill-gravità ta' dak li għamel l-appellat, il-Qorti tqis li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg kienet waħda inġusta, għaliex ma tirrispekkjax is-snin ta' ħidma f'ċirkostanzi diffiċli, u l-lealtà u d-disponibilità għax-xogħol li dejjem wera l-appellat. Il-Qorti tirrileva li x-xogħol huwa s-sors ewlieni għall-għajxien ta' diversi familji, li għandu jiġi interrott biss għal raġunijiet li jkunu gravi u serji tant li jimmeritaw tkeċċija. F'dan il-każ, in vista tal-fatt li t-Tribunal huwa obbligat jagħti deċiżjoni skont il-prinċipji tal-ekwità u tal-ġustizzja, il-Qorti tqis li t-Tribunal kien korrett meta kkonkluda li t-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg ma kinitx waħda ġusta, għaliex ma kien hemm l-ebda proporzjonalità bejn l-aġir tal-appellat li jirriżulta li kien aġir żbaljat ta' darba, u l-fatt tat-tkeċċija tiegħu mill-impjieg.

*It-tieni aggravju: il-komputazzjoni tal-kumpens*

19. It-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta huwa marbut mal-mod kif it-Tribunal ikkomputa l-kumpens li għandu jingħata lill-appellat wara li ġie

stabbilit li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg kienet waħda inġusta. Il-Qorti tirrileva illi l-komputazzjoni ta' kumpens mit-Tribunal għandha tkun ibbażata fuq dak li jipprovdi għalih l-artikolu 81(2)(a) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, ċjoé:

> "It-Tribunal għandu jqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-ħaddiem li jkun ġie mkeċċi mingħajr kawża ġusta kif ukoll ċirkostanzi oħra, inkluż l-età u s-snajja tal-ħaddiem li jistgħu jaffettwaw il-potenzjal tal-impjieg ta' dak il-ħaddiem."

20. Permezz ta' dan l-aggravju s-soċjetà appellanta tgħid li l-kumpens iffissat mit-Tribunal huwa wieħed eċċessiv u dan għaliex wara li tkeċċa mill-impjieg li kellu mas-soċjetà appellanta, l-appellat irnexxielu jsib impjieg ieħor wara biss ftit ġranet, u sussegwentement bidel l-impjieg diversi drabi b'mod li kull darba tejjeb l-introjtu tiegħu. Fil-prospett tad-danni ppreżentat minnu, l-appellat inkluda d-differenza fis-salarju bejn l-impjieg li kellu meta kien jaħdem mas-soċjetà appellanta, u l-impjieg il-ġdid tiegħu, id-differenza fil-ħlas tas-sahra, u t-telf ta' qligħ futur.

Mill-appendiċi anness mad-deċiżjoni tat-Tribunal, jirriżulta li t-Tribunal ikkomputa telf reali mit-tnaqqis fl-introjtu u t-tnaqqis fis-sahra tal-appellat fl-ammont ta' €39,494.91, u fil-komputazzjoni tiegħu dan qies ukoll fatturi oħra, bħall-fatt li l-appellat jilħaq l-età tal-irtirar ta' 65 sena, u għalhekk huwa ferm diffiċli li wieħed ibassar x'kien ser jiġri mill-appellat tul l-aħħar għaxar snin tal-ħajja lavorattiva tiegħu, il-fatt li l-ammont ta' sahra ddikjarat mill-appellat jidher eċċessiv partikolarment meta wieħed iqis li dan diġà kien jaħdem 48 siegħa fil-ġimgħa skont il-kuntratt li kellu mas-soċjetà appellanta, il-fatt li s-sahra qatt ma tista' tkun garantita, il-fatt li probabbilment id-dħul tal-appellat kien ser jitjieb mal-mogħdija taż-żmien, il-fatt li aktarx li l-appellat ma kienx ser

ikun intitolat għall-*performance bonus* kollu ta' kull sena sakemm jirtira, u l-kontributorjetà tal-appellat għal dak kollu li seħħ. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li t-tnaqqis applikat mit-Tribunal mhux suffiċjenti, u kellu jkun hemm konsiderazzjonijiet oħra fil-komputazzjoni maħduma minnu, bħal pereżempju l-fatt li ma nġabet l-ebda prova li l-appellat kien ser jara xi titjib fid-dħul tiegħu fl-għaxar snin li kien fadallu jaħdem sakemm jilħaq l-età tal-irtirar, il-fatt li t-Tribunal ikkonsidra li l-appellat kien ser jipperċepixxi xi forma ta' *performance bonus,* anki jekk ridott, tul is-snin li kien fadallu jaħdem, il-fatt li t-Tribunal akkorda tnaqqis ta' 55% għan-negliġenza kontributorja, li s-soċjetà appellanta tgħid li għandha tiżdied għal tal-anqas 80%, u l-fatt li ladarba din is-somma ser tingħata lill-appellat fi ħlas ta' darba, għandu jkun hemm tnaqqis ta' 20% mill-ammont totali li ser jitħallas lilu, kif isir mill-Qrati tagħna meta jkun hemm likwidazzjoni tat-telf ta' qligħ futur (*lucrum cessans).*

21. Il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li qalet din l-istess Qorti diversament preseduta f'deċiżjoni li tat fl-10 ta' Ottubru, 2005 fl-ismijiet **Peter Spiteri *vs.* Xuereb Glass Co. Ltd.**, fejn il-Qorti spjegat il-komputazzjoni tal-kumpens li trid issir b'dan il-mod:

> "Ibda biex il-liġi speċjali ma tipprovdi mkien regoli fissi dwar l-ammont tal-kumpens. Tillimita ruħha fil-proviso tal-Artikolu 81(2) tal-Att biex tippreċiża ċerti kriterji li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni għall-istabilizzar tal-ammont tal-kumpens. Jiġifieri, "it-Tribunal għandu jqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-ħaddiem li jkun ġie mkeċċi mingħajr kawża ġusta, kif ukoll ċirkustanzi oħra, inklużi l-età u s-snajja tal-ħaddiem li jistgħu jaffettwaw il-potenzjal tal-impjieg ta' dak il-ħaddiem";
>
> Minn dan hu deżumibbli li l-iffissar tal-ammont tal-kumpens hu rimess għall-arbitriju tat-Tribunal. Arbitriju dan, li hu mistenni wkoll, u dejjem, li jkun wieħed *boni viri*, bażat fuq apprezzament ekwu skont il-mudell solitu tal-*bonus paterfamilias*. Tali

> apprezzament ekwu jimplika ġudizzju li jżomm qies taċ-ċirkostanzi fattwali kollha u rikonċiljat mal-eżerċizzju korrett tal-poteri tat-Tribunal, fl-ambitu wkoll tad-dispost appena ċċitat."

Is-soċjetà appellanta spjegat li t-Tribunal ibbaża l-komputazzjoni tiegħu fuq dħul settimanali ta' €659.90 fiż-żmien li l-appellat kien jaħdem magħha, liema komputazzjoni evidentement tinkludi wkoll is-sahra, l-*allowances* u l-*bonuses*, kif ukoll il-fatt li l-appellat kien fuq kuntratt ta' 48 siegħa xogħol fil-ġimgħa, komputazzjoni tat-telf ta' dħul fuq perijodu ta' tliet ġimgħat li l-appellat għamel ma jaħdimx, meta fil-verità l-appellat għamel biss għaxart ijiem ma jaħdimx, u d-differenza fid-dħul bejn iż-żmien meta kien jaħdem mas-soċjetà appellanta u ż-żmien meta l-appellat ħadem ma' kumpanniji oħrajn. Is-soċjetà appellanta qalet però li l-kumpens għandu jkun *capped* għal perijodu massimu ta' sena mid-data tat-terminazzjoni, u mhux ikun ibbażat fuq it-telf li l-appellat sofra f'kull impjieg sussegwenti li huwa sab wara t-tkeċċija tiegħu,  għal żmien indefinit, kif jirriżulta li sar f'dan il-każ.

20. Il-Qorti tqis li f'dan il-każ, id-danni reali sofferti mill-appellat jinkludu ħlas għaż-żmien kollu li l-appellat għamel mingħajr impjieg, miżjud mad-differenza bejn l-introjtu li huwa kellu mas-soċjetà appellanta u l-introjtu li huwa kellu mill-impjiegi sussegwenti li sab wara li safa mkeċċi. Jirriżulta li minkejja li l-appellat bidel diversi impjiegi, dan baqa' qatt ma pperċepixxa l-istess livell ta' introjtu li kellu mas-soċjetà appellanta, u għalhekk it-telf ta' dħul attwali jrid ikun ibbażat fuq din id-differenza fl-introjtu għaż-żmien relattiv kollu, u mhux ikun *capped* għal perijodu ta' żmien partikolari kif suġġerit mill-appellanta.

21. Il-Qorti tqis li s-salarju bażiku li ħadem fuqu t-Tribunal, jiġifieri dak ta' €659.90 fil-ġimgħa huwa esaġerat għaliex f'kull każ kellu jitnaqqas minnu żgur il-ħlas għall-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u l-ħlas tat-taxxa dovuta mill-appellat, u għalhekk il-komputazzjoni tat-Tribunal hija bbażata fuq ċifri u dħul li l-appellat żgur li ma kienx ser ikollu li kieku baqa' fl-impjieg tas-soċjetà appellanta. Il-Qorti kkalkolat li fuq medda ta' 7.7 ġimgħat, li matulhom kien hemm ġimgħat li fihom l-appellat ma ħadem l-ebda sahra, iżda ħa biss is-salarju bażiku tiegħu minħabba li kien sospiż mix-xogħol, l-appellat kellu dħul nett ta' €4,107.72, li bħala medja jwasslu għal introjtu ta' €533.47 fil-ġimgħa. Mill-provi jirriżulta li wara li tkeċċa minn mas-soċjetà appellanta b'effett mill-24 ta' Frar 2016, l-appellat reġa' beda jaħdem fit-3 ta' Marzu 2016, sabiex b'hekk jirriżulta li huwa għamel total ta' tmint ijiem mingħajr impjieg. Is-soċjetà appellanta qalet li l-appellat dam għaxart ijiem ma jaħdimx, meta fil-verità jirriżulta li dan dam tmint ijiem mingħajr impjieg peress li Frar tal-2016 kellu 29 ġurnata. Kwalsiasi komputazzjoni ta' telf ieħor trid issir abbażi tad-dħul nett tal-appellat, għaliex it-taxxa u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mhumiex introjtu attwali li jiġu perċepiti minn impjegat, u għalhekk m'għandhomx jittieħdu inkonsiderazzjoni f'komputazzjonijiet ta' din ix-xorta.

22. Għal dawk li huma danni reali, jirriżulta li d-dħul nett tal-appellat mill-impjieg li huwa kellu mas-soċjetà appellanta kien ta' €533.47 fil-ġimgħa. Dan ifisser li fuq perijodu ta' tmint ijiem bla xogħol, l-appellat tilef dħul ta' €609.68. Jirriżulta wkoll li d-differenza fid-dħul matul l-impjieg li l-appellat kellu ma' JF Services Limited, fejn dam 10.9 ġimgħat, hija ta' €3,852.82, nuqqas ta' €353.47 x 10.9; id-differenza fid-dħul matul l-impjieg li l-appellat kellu ma' Unique

Turnkey Limited hija ta' €10,197.07, nuqqas ta' €327.88 x 31.1 ġimgħa; filwaqt li d-differenza fid-dħul matul l-impjieg li l-appellat kellu mas-soċjetà Aviaserve hija ta' €12,325, nuqqas ta' €145 x 85 ġimgħa. Dan jagħti total ta' danni reali sofferti mill-appellat ta' **€26,984.57**

23. Fir-rigward tat-telf ta' qligħ futur, li jieħu konsiderazzjoni tal-qligħ li l-appellat kien ser jipperċepixxi sakemm jilħaq l-età tal-irtirar, it-Tribunal ħa konsiderazzjoni tal-fatt li dan kien għad fadallu 10 snin xogħol sakemm jilħaq l-età tal-irtirar, u sabiex jara x'telf isofri l-appellat f'dawn l-għaxar snin, għamel komputazzjoni tad-differenza bejn id-dħul li l-appellat kellu mill-impjieg mas-soċjetà appellanta u d-dħul mill-aħħar impjieg li kellu, dak ma' Aviaserve. Din il-Qorti tirrileva li meta wieħed jieħu konsiderazzjoni tad-dħul nett, id-differenza bejn l-introjtu li l-appellat kellu mas-soċjetà appellanta u l-introjtu li għandu ma' Aviaserve huwa ta' €145 fil-ġimgħa, li fuq medda ta' għaxar snin jammontaw għal €75,400, liema ammont jissupera ferm l-ammont li wasal għalih it-Tribunal. Din il-Qorti sejra tapplika l-istess tnaqqis applikat mit-Tribunal għall-istess raġunijiet mogħtija mit-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu, kif ukoll tnaqqis ulterjuri ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens għat-telf ta' qligħ futur ser ikun qiegħed jingħata permezz ta' ħlas ta' darba. Dan ifisser li mill-€75,400 iridu jitnaqqsu 60%, li jġibu l-ammont ta' danni għal €30,160, li flimkien mad-danni reali sofferti mill-appellat jagħmlu l-ammont ta' danni fl-ammont ta' €57,144.57. Minn dawn it-Tribunal naqqas ukoll 55% b'rabta mal-kontributorjetà tal-appellat, sabiex b'hekk id-danni għandhom jitnaqqsu għal €25,715.06, u din il-Qorti sejra tapplika tnaqqis ulterjuri ta' 20% in vista tal-fatt li dan il-kumpens qiegħed jingħata permezz ta' ħlas ta' darba, sabiex b'hekk it-

total tad-danni li għandhom jitħallsu lill-appellat qiegħed jiġi ffissat li għandu jkun fl-ammont ta' €20,572.05. Din il-Qorti tqis li dan huwa l-ammont ta' danni li għandu jitħallas mis-soċjetà appellanta lill-appellat in vista tad-deċiżjoni li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg kienet waħda inġusta.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi:**

**1) Tiċħad l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta;**

**2) Tilqa' t-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta limitatament billi il-kumpens li s-soċjetà appellanta qiegħda tiġi ordnata tħallas lill-appellat għandu jkun ta' għoxrin elf, ħames mija u tnejn u sebgħin Euro u ħames ċenteżmi (€20,572.05), liema kumpens għandu jitħallas lill-appellat fi żmien xahar mid-data ta' din id-deċiżjoni.**

**In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, l-ispejjeż tal-proċeduri fl-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż tal-proċeduri tal-appell jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**